# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, it-2 ta' Novembru, 2022

Avviz tat-Talba numru: 52/2020 CL

**Emanuel Vincent sive Emvin Bartolo (KI nru: 780156M)**

**VERSUS**

**Miriam sive Mary Buhagiar(KI nru: 102355M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-14 ta' Frar, 2020 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi iddikjarat responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur minhabbaq xogholijiet maghmula mill-intimata jew minn terzi minnha inkarigati, jillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' €710 u jikkundanna lil-konvenuta thallas d-danni hekk likwidat. Bl-imghax dekorribbli mid-19 ta' Lulju 2019 u bl-ispejjez, kontra l-konvenut li ingunt in subizzjoni. Hu iddikjara illi l-intimata kienet qed tbattal l-ilma mis-swimmming pool u taghmel xogholijiet fl-istess swimming pool tar-residenza taghha 68,La Terrazza, Triq ta' Fuw il-Wiedien, Mellieha u kien hemm ingress qawwi ta' l-ilma fil-pump room tas-swimming pool propjeta tal-attur fir-residenza 265, Croesco, Triq iz-Zebbug, Mellieha.Illi l-attru qabad lit-terzi, Mermaid Pools, sabiex jiehdu dawk il-prekawzjonijiet necessarji, isir rapport dwar ilo-hsarat u tihejja stima tax-xogholijiet necessarji. illi b'risultat tal-ingress l-atttur sofra danni ta' €710 u minkejja diversi interpellazjonijiet ghal-hals, l-intimat baqa' inadempjenti.

Ra r-risposta tal-konvenuta Miriam sive Mary Buhagiar fejn eccepiet illi l-talbiet attrici hua infondati fil-fatt u fid-dritt stante li meta l-intimata riedet tnaddaf il-pool tar-residenza taghha u ta' zewgha, inkarigat lil Joseph Debattista, propjetarju ta' Mermaid Pools ta' 10, Gwanni Pawlu 2 Street, Burmarrad li hi id-ditta idoneja, kapaci u rinomata biex taghmel dan ix-xoghol u jekk jirrizulta li grat xi hsara lill-attur bl-opra ta' Joseph Debattista u jew impjegati tieghu kif qieghed jigi allegat jrid jaghmel tajjeb ghad-danni l-istess Joseph Debattista u ghalhekk il-konvenuta qieghda tikkjama f'din il-kawza lil Joseph Debattista,propjetarju tad-ditta Mermaid Pools. illi l-konvnuta kienet giet infurmata minn Joseph Debattista li l-attur ma kien sofra l-ebda hsara fil-propjeta tieghu b'rizultat tat-tindif tal-pool taghha u ghalhekk ma tistax tifhem kif kien inhareg stima ta' €710 bhala hsara fil-pool. ghalhekk it-talba tal-attur fil-konfont tal-konvenuta ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza Joseph Debattista fejn iddikjara li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Illi x-ogholijiet tat-tindif tal-pool ma sarx minnu kif kien ser jigi trattat waqt il-kawza. Illi huwa minnu li kien hemm xi tiswijiet zghar li riedu jsiru, liema xogholijiet saru mill-esponenti u l-problema kienet solvuta dakinhar u ma kienx hemm pendenzighax kien tal-fehma li l-kwistjoni inghalqet darba ghall-dejjem u qatt ma kien ircieva xi korrispodenza minn ebda parti.

Fit-28 ta' Ottubru 2020, gie ipprezentat l-affidavit tal-attur, Emanuel Vincent sive Emvin Bartolo li jirrisjedi fil-fond 265, Triq iz-Zebbug, Mellieha li l-propjeta tieghu tmiss mal-propjeta ta' Miriam sive Mary Buhagiar bin-numru 68, La Terrazza, Triq ta' Fuq il-Widien, Mellieha li qieghda f'livell oghla minn tieghu.Fid-19 ta' Lulju 2019, f'xil-10.10am cemplitlu l-mara, Maria, fejn qaltlu li kien hemm hafna ilma diehel fil-pump room u t-tifel taghhom Andrea tefa' d-dawl f'dik il-parti. Meta wasal id-dar induna li l-ilma kien gej mir-residenza ta' Mary Buhagiar, kien niezel amont kbir ta' ilma u ma setax jwaqqfu. Ipprezenta CD b'zewg filmati li juri l-ilma diehel fil-propjeta tieghu u iehor juri l-ilma diehel fil-kaxxa tat-transformers u l-apparat eletroniku tal-pool. Ipprova jatira l-attenzjoni taz-zewg haddiema li kien hemm fir-residenza ta' Mary izda ma tawx kasu. L-ilma baqa' niezel ghal sieghat shah u fis-1.00pm, cempel lil ta' Mermaid Pools li kien jahdem bih u talbu jmur fuq il-post, izda ma setax jmur qabel it-22 ta' Lulju 2019. Fis-1.30pm il-pressa tal-ilma bdiet tonqos. Filghaxija kien mar jkellem lil Mary Buhagiar flimkiem mal-gar tieghu Joseph Vella li ukoll kien dahalu l-ilma. Mary qaltilhom li kienet ser tkellem lil Mapfre Insurance l-ghada. Ft-22 ta' Lulju 2019, fil-11.00am kien mar Joseph Debattista u l-haddiem tieghu Dominic Fenech biex jaraw l-apparat, izda ghalkemm uzaw spray ta' *lubricating oil* fuq it-*transformers* u l-makkinarju tad-dawl, hu ma kienx sodisfatt minhabba li fl-opinjoni tieghu l-kimici li jintuzaw fil-pools jwaslu ghal degradazzjoni tal-apparat li ma jissolviex bil-l*ubricating oil.* Talab rapport minghand Joseph Debattista u qallu biex jibghatlu s-sekwenza ta' kif graw l-affarijiet, u kien bghatlu r-rapport b'e mail, bil-letterhead tieghu. Hu kien fetah claim mal-insurance tieghu izda peress illi kien ha jghollielu l-premium ghal hsarat li ma kellux tort ghalihom, kien irtira. l-Insurance tieghu kienu ipprovaw jaghmlu kuntatt ma' Mapfre izda ma sabu ebda polza ghad-dar ta' Mary Buhagiar. Minkejja li kien ipprova jkellimha hi qatt ma fethitlu l-bieb. Fit-20 ta' Lulju 2019, Joseph Debattista ipprapparalu stima tal-hsarat li sofra li ammontaw ghal €710. Rega' xehed fl-10 ta' Marzu 2019, u ipprezenta 2 ritratti li kien ha dakinhar stess, biex juri kif il-makkinarju tal-pool kien iddeterjora . Fl-20 ta' Mejju 2021 xehed in kontro ezami u gie muri r-ritratti li gew ezebiti a foll. 83 u 84 li ikkonferma li kien hadhol hu fl-1 ta' Frar fil 8.50am u fil-fatt ikkonferma li ma kien biddel xejn u dak li kien ipprezenta kienet stima u l-pool baqghet tahdem. Li kieki t-tifel ma tefiex id-dawl l-hsara kienet tkun hafna izjed mimm transformer imsaddad u ma sofriex danni bil-prevenzjoni li ken ha hu stess. Fir-re ezami hu qal illi minn dakinhar kien jhalli l-connection box miftuha ghal arja u jaghmel lubricating oil fuq il transformers. Hu kien ilu 14 il sena jahdem f'lukanda u ghal xi zmine xogholu kien li jiehu hsieb il-maintenance u z-zamma tal-pools fil-lukanda.

Fit-28 ta' Ottubru 2020, xehdet Miriam Buhagiar in ezami li ikkkonfermat illi hi taf lil Bartolo by sight ghax joqghod ezatt fid-dar ta' taht id-dar taghha. Hi kienet tkellmet ma' Joseph Debattista ta' Mermaid Pools bit-telephone biex jbatlilha l-pool, u ma kinitx tafu qablel. Fid-19 ta' Lulju 2019 ghal habta tas-7.00am kien bghatilha zewg haddiema minn tieghu.Il-haddiema damu sa xil-11.30am u hi baqghet id-dar u kienet qieghda ssegwi x'kienu qeghdin jaghmlu billi xi kultant tmur hdejhom u meta lestew marret hdejhom u rat il-pool vojta ghax kienu nehhew l-ilma u l-hmieg. F'xil-10.30am Bartolo

kien ittawwal minn fuq ic-cint u minn fuq rat lil-haddiema jkellmuh u b'hekk nizlet biex tara x'gara u Bartolo beda jghid li nizel l-ilma fil-pump room.Hi ma tifhimx teknikament u saqsiet lil haddiema x'gara imma ma tiftakarx x'qalu. Bdew jitkelmu bejniethom u jghidu li beda niezel l-ilma u l-haddiema waqfu milli jbatlu l-pool ghax kien fadal gholi pied. Bartolo kien rega' mar l-ghada u saqsieha kellhiex insurance izda hi lanqas taf kellhiex insurance jew le u ma tiftakatx x'qaltlu, imma qatt ma kellha kommunikazzjoni ohra wara dakinhar sakemm irceviet l-ittra tal-avukat biex thallas aktar minn €700. Debattista kien ikkomunika maghha u qalilha li Bartolo ried jgib il-magni godda minn fuqha, ghax hu kien mar jara l-pump room u qal illi ma kellux hsara. Fil-kontro ezami hi ikkonfermat illi hi mizzewga u l-affarijiet tal-insurance kien jiehu hsiebhom ir-ragel taghha.

Fl-1 ta' Frar 2021 xehed Joseph Debattista li kellu negozju fuq swimming pools jismu Mermaid Pools. Mary Buhagiar kienet talbitu jmur ghandha biex jirragalha xi hsara li kellha fil-pump room, izda peress illi l-pool kien ahdar kien qalilha li dak ma kienx parti minn xogholu u kien taha dettalji ta' persuna maltija biex jbattal u jnaddaf il-pool. Kien cempilli Bartolo u kien qallu li kien diehel l-ilma minn gol-hajt ghalkemm l-ilma beda jintefa' fid-drain kif suppost. Hu kien mar ghand Bartolo dakinhar stess f'xil-11.00am izda ma kienx niezel fuq il-kaxxa tad-dawl, ghax kien fethu biex jara kienx hemm ilma gewwa u startjha u ra li kien kollox sew. Bartolo saqsieh jaghmlillu stima kemm kienet tiswa li kieku kellu l-hsara.Gie muri d-dokument a foll. 57 u 58 fejn qal illi ma jiftakarx dawn id-dokumenti ghalkemm gharaf il-letteread ta' Mermaid Pools. Hu hareg l-istima ghax gie mitlub minn Bartolo li kien habib antik tieghu, imma ma kinitx stima ta' hsarat, imma li kieku kellu l-hsara x'kienet tiswa. Hu jaf illi Bartolo kien fittex lil Miriam Buhagiar u ma kellux kommunikazzjoni ma' Miriam. Fil-kontro ezami hu qal illli ilu 40 sena f'dan ix-xoghol u ghandu experjenza kbira. Il-persuna li qabbad biex jirranga l-pool ta' Miriam kienet persuna li tahdem fil-pools li jafu mill-laqam Pawlu l-fajsu ghax kien ilu jafu 10 snien u meta kien jkollu certu xoghol kien jqabbad lilu. Hu ikkonferma li meta mar ma kien ra ebda hsara ghand Bartolo u l-istima kienet ghal hsarat f'kaz illi kien ikollu hsarat. Bartolo stess kien cempillu biex jmur ghax kien jafu u kien startjalu l-pool mill-ewwel u ma urihx li kien jaf li kien hu stess li kien inkariga mill-pool ta' Miriam. Hu ma kienx thallas ta' li mar dakinhar ghax mar bil-pjacir. Fil-pump room kellu hafna apparat u li kieku kellu jbiddilhom l-ispejjez kienu skond l-istima. Hu kien qal lil Bartolo li ma kien hemm xejn hazin u fil-fatt ma biddel xejn ghax kieku lilu kien jqabbad ghax hu kien ghamillu l-pool xi hmistax-il sena ilu u dejjem lilu qabbad meta kellu xi problema.

Fit-18 ta' Mejju 2022 Joseph Debattista ipprezenta l-affidavit tieghu fejn hu kien gie inkarigat minn Miriam Buhagiar biex jaghmel tiswijiet fil-pump room tad-dar taghha fil-Mellieha. Hu kien sab xi leakages u kien irranghom. peress illi l-pompa ma kinitx qieghda tahdem kien thammeg u kienet talbitu biex jnaddaf il-pool izda peress illi ma jaghmilx dak ix-xoghol u saqsietu jekk tafx lil xi hadd u kien qabbadha ma' Pawlu. Hu kien ha pompa biex jbattal il-pool , izda d-drain ta' Miriam kien diffettuz u ma setghex jlahhaq mal-pompa bil-konsegwenza illi l-ilma beda sejjer fid-dar ta' tahtha ta' Bartolo. Bartolo mar jghid lil Miriam li diehel l-ilma fil-pump room tieghu u li kellu hsara. Bartolo kien klijent tieghu ukoll u fil-fatt kien cempillu u hu mar jiccekja u sab li ma kellux affarijiet kbar peress illi l-ilma ma kien mar fuq is-sistema tal-pool u kien startjalu l-pompa u kollox hadem. Bartolo kien talbu stima kemm jigu l-affarijiet li kieku kellu jbiddel kollox. Hu ma saqsiex ghalfejn ried din l-istima u qabbad u ghamillu stima ghalkemm fil-verita ma kien hemm bzonn jimbiddel xejn ghax kollox kien solvut u

jahdem. Hu ma kienx jaf li l-istima li kien ghamel kienet ser tintuza' fejn kienet ser tintalab somma minghand Miriam ghax jaf li ma kienx hemm hsara ghax kull ma kellu jaghmel Bartolo kien li jnehhi l-ilma minn ma' l-art u fil-fatt ma kienx talbu l-flus meta mar ghandu dakinhar.

Fl-4 ta' Lulju 2022 xehed Joseph Debattista in kontro ezami illi hu kien ghamel tiswijiet ta' pompi u filter ghand is-Sinjura Buhagiar li damu gurnata. Buhagiar kienet saqsietu ghal xi hadd li jbattal il-pool u jirranga l-madum u kien qabadha ma' certu Pawlu. Meta tbatlet il-pool hu ma kienx hemm. Qal illi d-drain kien difetuz ghax kif tefghu l-ilma fih baqa' nizel ghand ta' tahtu. Gie muri rapport u stima li jinsabu a foll. 4 u 5, datat 22 ta' Lulju 2019, li ikkonferma li kien hargu hu, izda dak kien f'kaz illi kien ha jkun hemm hsara, ghax hsara ma kienx hemm u kien sopriz li Bartolo ipprezenta r-rapport. Ghalkemm dahal l-ilma dan ma marx fuq l-aparat. Meta mar jara l-hsara tas-Sur Bartolo hu qallu li kien hadem ghand il-gara. Ir-rapport kien kitbu wara li ra it-transformers f'Lulju 2019, ghax Bartolo kien sasqieh li kieku kellu jbiddel l-affarijiet kemm jiswew, f'kaz illi jkollu l-hsara. Izda hsara ma kienx hemm.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra;

Illi mix-xhieda jidher illi waqt illi kien qieghed jsir xi xoghol ghand Miriam Buhagiar biex jitbattal il-pool beda jaqa' hafna ilma fil-pump room tal-konvenut Bartolo li kellu d-dar tieghu taht id-dar ta' Miriam. Bartolo kien tefa' l-pool tieghu mill-ewwel sabiex jnaqqas l-hsarat u kien talab lil John Debattista, ta' Mermaid Pools sabiex jmur jara l-hsara li kellu. John Debattista kien mar ghandu u hejja rapport u stima li jammontaw ghal €710. John Debattista fil-fatt gie msejjah fil-kawza mill-konvenuta, peress illi hu kien hadmilha. Hu xehed illi fil-fatt mhux hu kien battal il-pool imma kien qabbadha ma' persuna jismu Pawlu. Xehed illi meta mar ghand Bartolo kien hemm hafna ilma izda l-pool xelghet minghajr problemi u kollox baqa' jahdem. Hu kien ghamel ir-rapport u lesta stima ghax kien talbu jaghmel hekk Bartolo li kien qal illi ried ir-rapport f'kaz illi jkollu l-hsarat. Hu kien ilu jiehu hsieb il-pool ta' Bartolo ghal hafna snin u sa fejn jaf hu ma kienx biddel l-affarijiet. Fil-fatt l-attur jghid fil-kontro ezami li ma biddel xejn u l-pool baqghet tahdem ghax hu kien jiehu hsiebha sew u ghax dakinhar kien tefa' is-supply tal-elettriku biex jevita aktar hsarat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jichad it-talba tal-attur stante illi jirrizulta illi, ghalkemm kien dahal hafna ilma fil-pump room tieghu minghand il-gara tieghu, hu ma kienx sofra danni rejali.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-procedura ghandhom jithalsu milll-attur.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**